

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Mejju 2011

dwar revoka tad-Deċiżjoni 2003/796/KE dwar it-twaqqif tal-Grupp Ewropew Regolatorju għall-Elettriku u l-Gass

(2011/280/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/796/KE ⁽¹⁾ stabbilixxiet Grupp Ewropew Regolatorju għall-Elettriku u l-Gass biex jiffaċilita l-konsultazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn entitajiet regolatorji fl-Istati Membri, u bejn dawn l-entitajiet u l-Kummissjoni, bil-għan li jiġi kkonsolidat is-suq intern u tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku ⁽²⁾, id-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali ⁽³⁾, u r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku ⁽⁴⁾.
- (2) Sabiex titjeb il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet nazzjonali regolatorji u biex jingħata kontribut akbar għat-tħaddim effikaċi tas-swieq interni tal-elettriku u l-gass naturali, għet stabbilita Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija permezz tar-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾.
- (3) L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija tipprovdi qafas li fiha jistgħu jikkoperaw l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji, u jwettqu ħidmiet simili għal dawk attwalment imwettqa mill-Grupp Ewropew Regola-

torju għall-Elettriku u l-Gass. Billi l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija se tkompli l-ħidma mwettqa mill-Grupp Ewropew Regolatorju għall-Elettriku u l-Gass fi ħdan il-qafas ta' governanza aktar effikaċi, huwa għalhekk xieraq li d-Deċiżjoni 2003/796/KE tiġi rrevokata.

- (4) Sabiex ikun żgurat li l-Grupp Ewropew Regolatorju għall-Elettriku u l-Gass ikun jista' jiffinalizza bosta proġetti pendenti, il-Grupp Ewropew Regolatorju għall-Elettriku u l-Gass ma għandux ixolji qabel l-1 ta' Lulju 2011, sabiex tkun żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/796/KE hija rrevokata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2011.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 296, 14.11.2003, p. 34.

⁽²⁾ ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37.

⁽³⁾ ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.

⁽⁴⁾ ĠU L 176, 15.7.2003, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.